*Kunsill Lokali Ħamrun*
*683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,*
*Ħamrun*
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u sebgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ħamis 5 ta' Novembru 2009 fil-5.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |

Dr. Paula Mifsud Bonnici, is-Sur Cedric Valletta u s-Sur Johnaton Abela kienu skużati.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-mitejn u disgħa u sittin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-minuti

*4.1. Proġett tas-Suq*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nbeda x-xogħol fuq l-ewwel sular.

*4.2. Ħamrun Liberty S.C – Laqgħa mal-Kunsill*

Il-Kunsill iddeċieda li l-laqgħa ma' rappreżentanti tal-Ħamrun Liberty S.C rigward il-festa San Gejtanu ssir nhar il-Erbgħa 18 ta' Novembru 2009. Is-Sindku, l-Viċi Sindku u Dr P. Mifsud Bonnici għandhom jattendu għal-laqgħa.

*4.3. President's Charity Run*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li diġa attenda tlett laqgħat bi tħejjija għall-*President's Charity Run* li ser issir il-Ħadd 6 ta' Dicembru 2009. Huwa spjega li ltaqa' mal-Ħamrun Spartans F.C Youth Nursery u l-1st Ħamrun Scout Group biex jipparteċipaw f'attivitajiet fil-Ħamrun waqt l-ġirja. Sadanitant il-Banif Bank ser jarma *Gazeebo* fi Pjazza San Pawl biex il-parteċipanti jirreġistraw għat-tiġrija.

*4.4 Kappillan Parroċċa San Gejtanu – Għajnuna Finanzjarja*

Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill li mhux permess li tingħata l-ebda għajnuna la finanzjarja u lanqas f'materja għal xoghlijiet f'postijiet li m'humiex propjeta` pubblika u taħt il-kompitenza tal-Kunsill.

Fil-5.40pm is-Sur Mario Caruana daħal għal-laqgħa.

*4.5 Installazjoni ta' CCTV fi Triq Mile End*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva konferma mis-Supretendent D'Anastas li f'każ li jinqabad xi ħadd jarmi skart jew jabbuża u jkun jidher fuq ir-*recording* ta' CCTV, l-istess *recording* jista' jintuża biex jittieħdu passi kontra l-persuna kkonċernata. Fid-dawl ta' dan ġie deċiż li tinxtara CCTV mill-Kumpanija Fire Tech għal ħlas ta' €964.13.

## 5. <u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn il-25 ta' Settembru u l-5 ta' Novembru 2009.

*5.1 Kumitat Olimpiku Malti- 'Sports Awards tal-KOM'*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li l-KOM ser jerga' jniedi l-'*MOC Sports Awards'* f'Diċembru 2009 għal dak il-Kunsill li jkun ta' kontribut fil-qasam sportiv fil-lokal. Il-Kunsill iddeċieda li jibgħat ittra lill-Kumitat Olimpiku Malti biex jinkludi l-kontribut fit-*Tony Bajada Memorial Football Tournament* tal-*Ħamrun Spartans F.C. Youth Nursery* bħala sottomissjoni għall-Isports Award.

*5.2 Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ – Skema 'Xogħol fil-Kommunita'*

Il-Kunsill ġie infurmat li ser jiġu assenjati żewġ ħaddiema oħra mal-Kunsill taħt l-iskema 'Xogħol fil-Kommunita' biex jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni ġenerali.

*5.3 CCC – Proġett 'Around the island in 365 days'*

Il-Kunsill irċieva stedina biex issir attivita` għat-tfal fil-Ħamrun organizzata mill-Għaqda '*Caring for Children in the Community'*. Ġie deċiż li din il-korrispondenza tiġi riferuta lis-Sotto Kumitat 3.

*5.4 Kummissjoni Ewropeja – 'Golden Stars Award 2009'*

Il-Kunsill ġie infurmat mill-Kummissjoni Ewropeja li l-Proġett li kellu f'Mejju 2009 nru 09/0946 ingħażel bħala wieħed mir-rebbieħa tal-'*Golden Stars Award 2009'*. Il-Kunsill ġie infurmat li l-Kummissjoni qed tistieden erba' rappreżentanti u żewġ ġurnalisti għaċ-ċerimonja li ser issir fis-16 ta' Diċembru ġewwa Brussel. Il-ħlas relatat ser ikun kopert mill-istess Kummissjoni. Il-Kunsill ikun irid iħallas biss għall-kull parteċipant addizjonali. Qabel iċ-Ċerimonja ssir ikun hemm *policy debate* rigward il-"*European Year of Volunteering 2011*". Il-Kummisjoni rrakomandat li nidentifikaw rappreżentanza minn Carpineto Romano. Ġie deċiż li ssir laqgħa nhar it-Tnejn 9 ta' Novembru 2009 biex jiġi deċiż min ser jattendi għaċ-Ċerimonja tal-Premjazzjoni u l-*Policy debate*.

Il-Kunsill iddeċieda li jisospendi l-Agenda sabiex tiġi diskussa t-tema '*Chocolate Festival'*.

## 6. Chocolate Festival

Il-Kunsill innota li c-'*Chocolate Festival'* li organizza l-Kunsill nhar is-Sibt 24 t'Ottubru 2009 kienet suċċess u kien hemm rispons tajjeb mill-pubbliku. Is-Sindku spjega li kellem lill-Onor. Dr. Mario de Marco fejn ftiehem li ssir laqgħa miegħu biex għas-sena d-dieħla l-attivita tikber billi ssir bi sħab mal-M.T.A. Il-Kunsill iddeċieda li għas-sena d-dieħla għandhom jiżdiedu t-toroq li għandhom jintużaw fl-attivita`. Ġie ssuġerit li ssir Stqarrija għall-Istampa biex jingħad li l-attivita` kienet suċċess.

Il-Kunsill approva li jiżdiedu €50.00 mal-ħlas li ser isir lil Andrew Farrugia u lil Mario Camilleri għas-servizzi tagħhom relatat mal-Festival.

## 5. Korrispondenza (kontinwazzjoni)

*5.5 Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport – Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ*

Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li attenda laqgħa fejn ġiet spjegata l-proċedura relata mal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

*5.6 Dr. Antonio M. Tufigno – Allegat ħsarat fuq vettura*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dr. Antonio M. Tufigno għan-nom tal-klijent tiegħu s-Sur Noel Apap. Is-Sur Apap allega li waqt li kien ipparkjat fi Triq id-Duka ta' Edinburgh persuna mhux magħrufa kaġunat ħsarat fil-vettura tiegħu meta rriversjat peress li t-triq kienet magħluqa bi krejn. Is-Sur Apap talab li jitħallas għad-danni kif ukoll li jingħata kopja tal-minuti oriġinali miktuba bil-biro tal-laqgħa li saret fl-10 ta' Settembru 2009. Huwa insista li l-Kuntrattur għandu jintalab ikollu Gwardjan meta jagħlaq it-triq.

Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob lill-Avukat tal-Kunsill biex tikteb lil Dr Tufigno u tinformah li:

- t-triq qed tingħalaq b'barrier li qed titneħħa minn persuni mhux magħrufa
- kuntrattur ikollu bżonn Gwardjan biss meta jintalab jagħmel dan mill-Kunsill Lokali kif stipulat fl-A.L 119 ta' l-2002 artikolu 8(4) u Skeda B artikolu 7
- l-minuti oriġinali miktuba bil-biro intrengħu malli l-minuti ġew ittapjati.
- l-Kunsill ma jistax jinżamm responsabbli mill-aġir ta' terzi persuna li laqtitlu l-vettura

*5.7 Awtorita` dwar it-Trasport – Single Yellow Line fi Triq San Gejtanu*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Awtorita` approvat talba li saret mis-Sur Atallah biex tinżebagħ *single yellow line* faċċata tal-garaxx numru 164, Triq San Gejtanu, Ħamrun.

*5.8 Awtorita` dwar it-Trasport – Un/Loading Bay fi Triq Joe Sciberras*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Awtorita` approvat talba li saret mill-ħanut WJA Distributors biex issir *Un/Loading Bay* quddiem il-ħanut tagħhom fi Triq Joe Sciberras, Ħamrun.

*5.9 Sur Francis Degiorgio – Rampa fi Triq Miggiani*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Degiorgio fejn talab biex tiġi rranġata r-rampa li hemm fi Triq Miggiani għal Triq il-Kbira San Ġużepp biex din titwal sabiex ma tibqax wieqfa. Dan sabiex ikun jista' jitla' minnha bl-*iscooter*. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ltaqa' mas-Sur Degiorgio fejn dan spejga l-problema tiegħu. Ġie deċiż li l-Kunsill jibgħat lill-Contracts Manager biex jara tistax titwal ir-rampa.

*5.10 Sur Omar Bugeja – Laqgħa dwar proġett*

Il-Kunsill irċieva talba mingħand is-Sur Bugeja sabiex issir laqgħa biex jiġi diskuss il-proġett propost biex is-sena d-dieħla l-Kunsill Lokali ta' Carpineto jospita kontinġent mill-Ħamrun. L-applikazzjoni trid tiġi sottometta mill-1 ta' Diċembru 2009. Ġie deċiż li ssir laqgħa nhar il-Ħamis 12 ta' Novembru 2009 fil-5.30pm.

*5.11 Sinjura Jude Mifsud – Un/Loading Bay*

Il-Kunsill irċieva talba mingħand is-Sinjura Mifsud sabiex issir *Un/Loading* quddiem il-ħanut u maħżen li għandha fi 49, Triq Alexander, Ħamrun. Ġie deċiż li t-talba tiġi referuta lill-Awtorita` dwar it-Tasport għall-konsiderazzjoni.

*5.12 Segretarjat Parlamentari għall-Informazzjoni u Konsultazzjoni Pubblika – Parking Meters fil-Ħamrun*

Il-Kunsill irċieva konferma mis-Segretarjat Parlamentari li mhux minnu li qed tiġi studjata l-possiblita li jiġu ntrodotti *parking meters* fil-Ħamrun.

*5.13 Protezzjoni Ċivili – Ġbir ta' materjal għall-Vittmi tat-Terremot*

Il-Kunsill approva li jdaħħal żewġ Gwardjani Lokali biex jikkontrollaw it-traffiku waqt attivita` mtella mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili fl-Iskola Maria Regina b'risq il-Vittmi tar-Terremoti.

*5.14 Sinjura Charlene Borg – Kiri ta' Trasport*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sinjura Borg li hija Inclusion and Special Educational Coordinator fejn talbet biex il-Kunsill jikkunsidra jħallas għas-servizz tat-trasport għat-tfal bi bżonnijiet speċjali li jattendu r-Razzett tal-Ħbiberija. Il-Kunsill innota lib l-emendi ġodda fil-liġi mhux permess li tiġi milqugħa din it-talba.

*5.15 Sur Loreto Abela – Ċaqliq ta' Parking Bay*

Il-Kunsill irċieva talba mis-Sur Abela sabiex jitressaq il-*parking bay* li hemm viċin il-garaxx li għandu fil-binja *Victoria Court* fi Triq il-Kappillan Mifsud. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lis-Sur Abela li l-Kunsill jinsisti li jirranġa l-bankina li kisser quddiem il-binja tiegħu waqt ix-xogħlijiet qabel jikkonsidra jressaq il-*parking bay*.

*5.16 TCTC – E-Biz Training*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kumpanija HSBC flimkien mal-kumpanija TCTC approvaw li jisponsorjaw Taħriġ E-Biz għall-Komunita Kummerċjali fil-Ħamrun. Il-kampanja promozzjonali ser tibda f'Novembru filwaqt li t-Taħriġ jibda f'Jannar fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-Kunsill approva li jipparteċipaw fit-Taħriġ.

Fis-7.05pm s-Sinjura J. Bugeja kienet skużata mil-laqgħa.

*5.17 Sinjura Tania Barbara - Skema ta' Parkeġġ fil-Ħamrun*

Il-Kunsill irċieva ittra oħra mingħand is-Sinjura Barbara dwar l-estenzjoni tal-iskema tal-Parkeġġ tal-Ħamrun.

*5.18 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Emenda li daħlet*

Il-Kunsill irċieva lista ta' miżuri ġodda li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2009. Ġie deċiż li kopja tal-lista tingħata lill-Kunsilliera.

5.19 Dipartiment ta' l-Artijiet - Qsari fuq bankini

Il-Kunsill irċieva ittra mid-Dipartiment ta' l-Artijiet fejn spjegaw li rċievew ilment li fi Triq Nazzarenu hemm numru ta' qsari fuq il-bankina u fit-triq. Huma talbu l-veduti tal-Kunsill rigward dawn il-qsari. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lid-Dipartiment li l-Kunsill jinkoraġġixxi tisbieħ tal-ambjent bil-qsari u għalhekk jixtieq li ssir laqgħa fuq il-post ma' uffiċjali mid-Dipartiment. Is-Sindku spjega li ser ikellem lis-Sinjura Caruana f'dan ir-rigward.

*5.20 Sinjura Josephine Vella – Parking Bays fi Triq il-Kbira*

Is-Sinjura Vella talbet lill-Kunsill biex jerġa' jinżebagħ il-*parking bays* fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Il-Kunsill iddeċieda li jivverifika mal-ADT jekk il-*parking bays* f'toroq li hemm *one hour parking* jistgħux jinżebħu kulur ieħor.

*5.21 Sur Liam Mangion – Towing ta' vettura*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li meta s-Sur Mangion ipparkja l-vettura tiegħu fi Triq Indri Cilia l-Ġimgħa filgħaxija lejliet il-Festival taċ-Ċikkulata, ma kienx hemm it-tabelli tan-*No Parking*. Kaġun ta' dan il-vettura tiegħu ġiet tawjata. Il-Kunsill iddeċieda li f'dawn iċ-ċirkostanzi għandu jirrifondi s-somma ta' €105.00 lis-Sur Mangion.

*5.22 Sinjura Rosemarie Cassar – Trab iswed*

Is-Sinjura Cassar kitbet lill-Kunsill biex tistaqsi jekk il-Kunsill kienx qed jagħmel xi ħaġa fuq it-trab iswed li jinsab ukoll madwar il-Ħamrun. Il-Kunsill iddeċieda li jikteb lill-MEPA dwar din il-problema.

*5.23 Across Limits – Proġett I'm Your Guide*

Il-Kunsill ġie avviċinat mal-Kumpanija *Across Limits* biex jippartеċipa fi Proġett *I'm Your Guide* ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropeja. Ġie deċiż li din il-korrispondenza tigi referuta lis-Sotto Kumitat responsabbli mill-qasam tal-Unjoni Ewropeja.

*5.24 Sur Max Farrugia – Ħsarat fil-Faċċata*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Farrugia fejn talab biex issir spezzjoni tal-faċċata tad-dar tiegħu minħabba l-possibilta li saru ħsarat waqt tħaffir fis-sit tas-suq.

Il-Kunsill innota li t-tiswijiet ta' ħsarat fi propjeta` privata kkawżata waqt tħaffir għadhom ma sarux. Ġie deċiż li ssir laqgħa mill-aktar fis possibli mal-Perit tal-Kuntrattur u l-Kuntrattur stess flimkien mal-Perit u *Contracts Manager* tal-Kunsill sabiex ningħataw risposta rigward it-tiswijiet li jridu jsiru.

*5.25 MEPA – Wirja ta' Gallariji ta' l-injam*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna biex jilqgħu wirja ta' galleriji tal-injam fl-uffiċini tagħhom. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lill-MEPA li huwa interessat biex issir esebizzjoni fl-Uffiċini tal-Kunsill.

*5.26 Sindku Carpineto Romano – Golden Stars Awards*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sindku ta' Carpineto Romano fejn staqsa l-kompożizzjoni tar-rappreżentanti li ser jattendu għal *Golden Stars Awards*. Huwa spjega li l-Kunsill ta' Carpineto diġa' beda jaħdem fuq proġett biex jospita proġett f'Carpineto.

*5.27 Sur Godwin Camilleri – Parking Bays fi Triq l-Ispartani*

Is-Sur Camilleri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-bżonn li jiġu rranġati l-*parking bays* fi Triq l-Ispartani wara li żewġ garaxxijiet biddlulhom l-użu tagħhom. Ġie deċiż li ssir spezzjoni tat-triq.

*5.28 Sur Stephen Muscat – Bankina fi Triq Qrejten*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Muscat fejn talab biex tiġi rranġata l-bankina fi Triq Qrejten. Il-Kunsill iddeċieda li jiġbor stima għat-tiswija ta' din il-bankina.

*5.29 Sur Mario Camilleri – Kontravenzjoni*

Il-Kunsill iddeċieda li jieħu passi biex tingħata spjegazzjoni lill-Kummissarju tal-Ġustizzja li s-Sur Camilleri kien xogħol fl-Uffiċju tal-Kunsill meta nħarġitlu ċ-ċitazzjoni.

*5.30 Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni – Attivita` Milied*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni fejn talbu biex issir laqgħa mal-Kunsill biex tiġi diskussa attivita` tal-Milied li ser torganizza l-Għaqda f'Diċembru. Ġie deċiż li l-laqgħa ssir nhar il-Ġimgħa 13 ta' Novembru fil-5.30pm.

*5.31 Green MT – Laqgħa*

Il-Kumpanija *Green MT* talbet laqgħa oħra mal-Kunsill rigward il-*Waste Compliance Scheme*. Is-Sindku spjega li din it-tema ser tiġi diskussa fil-laqgħa tas-Sindki li ġej.

*5.32 Sur David Muscat – BayStreet*

Is-Sur Muscat talab sabiex issir laqgħa dwar attivitajiet għall-anniversarju ta' *BayStreet*. Is-Sindku spjega li ser ikellem lis-Sur Muscat f'dan ir-rigward.

*5.33 Dr. Luciano Busuttil – Kumpens għal ħsarat fil-vettura tas-Sur Anthony Caruana*

Dr. Busuttil reġa' talab lill-Kunsill biex jirrikkonsidra biex iħallas l-ispejjeż relatati ma' ħsarat fil-vettura li kellu s-Sur Anthony Caruana waqt li kien għaddej minn Triq il-Kbira San Ġużepp fuq xogħol relatat mal-Kunsill huwa għadda minn ġewwa *pothole*. L-ispiża tal-ħsara kienet dik ta' €54.00. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li talbiet simili għandhom jitqiesu b'reqqa mill-Kunsill sabiex ma jinħolqux preċedenti. Is-Sur M. Caruana spjega li dak inhar tal-inċident huwa kien talab lis-Sur Caruana biex jiżbor zkuk minn siġra ħdejn l-iScouts peress li kienet perikoluża. Minħabba li dan ma kellux l-għodda meħtieġa huwa mar bil-vettura tiegħu biex iġib għodda għaż-żbir.

Il-Kunsill approva li f'dawn iċ-ċirkostanzi għandu jsir il-ħlas lura ta' €54.00 lis-Sur Caruana.

*5.34 Sinjura Carmen Gatt – Tindif tal-intrata u t-taraġ ta' Okella Agius*

Is-Sinjura Gatt talbet lill-Kunsill biex inaddaf l-intrata u t-taraġ ta' Okella Agius peress li ser issir Adorazzjoni u kant mill-Kariżmatiċi fil-bini. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lis-Sinjura Gatt li l-Kunsill jista' jieħu ħsieb biss li jinġabar l-iskart domestiku u l-iskart goff mill-intrata.

*5.35 Chemimart Ltd – Chocolate Festival*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Chemimart Ltd fejn awguraw lill-Kunsill għall-Festival taċ-Ċikkulata li kienet suċċess. Huma offrew li jistampaw *discount vouchers* fil-fuljett tal-Kunsill biex jintużaw mir-residenti. Il-Kunsill iddeċieda li jinkludi l-*voucher* fil-ġurnal tal-Kunsill.

## 6 <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*6.1 Sotto Kumitat 1*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser jiltaqa' ma' Dr Cuschieri biex jitolbu jipprovdi siġar għall-Milied.

*6.2 Sotto Kumitat 3*

Is-Sinjura C. Borg infurmat lill-Kunsill lis-Sotto Kumitat ser jorganizza wirja u kompetizzjoni tal-presepji fil-Hobbies Society.

*6.3 Sotto Kumitat 4*

- Is-Sur M. Caruana nforma lill-Kunsill li nhar it-Tnejn ser jibda t-Tilqim tal-Inlfluwenza lir-residenti Ħamruniżi 'l fuq minn 55 sena.
- Is-Sur M. Caruana spjega li l-fuljett jinsab fl-aħħar preparamenti qabel jiġi stampat.

*6.4 Sotto Kumitat 2*

- Is-Sur A. Ellul nforma lill-Kunsill li kiseb kopja tad-DVD li ngibed waqt iċ-Chocolate Festival u li xxandar fuq il-*website* tat-*Times of Malta*.
- Is-Sur A. Ellul nforma lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat qed jaħdem fuq il-possibilta li ssir Festi tal-Qastan fil-Ħamrun.

## 7. <u>Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv – April 2008 sa Mejju 2009</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tar-Rapport Amministrattiv għall-April 2008 sa Marzu 2009 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Wara li saret spjegazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill approva unanimament l-istess Rapport Amministrattiv.

## 8 <u>Quarterly Financial Report – April sa Gunju 2009 u Lulju sa Settembru 2009</u>

- Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-*Quarterly Fianancial Report* għal perjodu April sa Ġunju 2009 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

  Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-istess rapport finanzjarju. Il-Kunsill approva unanimament il-*Quarterly Financial Report* għal perjodu April sa Ġunju 2009.

- Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-*Quarterly Fianancial Report* għal perjodu Lulju sa Settembru 2009 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

  Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-istess rapport finanzjarju. Il-Kunsill approva unanimament il-*Quarterly Financial Report* għal perjodu Lulju sa Settembru 2009.

## 9. <u>Attivitajiet tal-Milied</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-minuti ta' diversi laqgħat li saru bi preparament għall-attivitajiet tal-Milied.

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li din is-sena n-numru tal-ħwienet li pparteċipaw fl-armar ta' Triq il-Kbira San Ġużepp kien anqas mis-sena l-oħra. Ġie deċiż li jonqos l-

armar biex il-fondi tal-parteċipanti jkunu biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż tal-armar tad-dawl u l-Kunsill iħallas għall-konsum u l-*P.A System*.

## 10. Schedule of Payments

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sal-5 ta' Novembru 2009 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas ta' l-istess kontijiet.

## 11 Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Ġie deċiż li laqgħa li jmiss isir nhar il-Erbgħa 2 ta' Diċembru 2009 fil-5.30pm.

______________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
DATA